**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 122/2015 MLF**

**Paul Edgar Busuttil u**
**Cynthia Busuttil**

**vs**

**Joseph Fenech Soler**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-atturi ipprezentat fil-15 t'Ottubru 2021 fejn esponew:

   Illi ir-rikorrenti ppreparaw biex jaghmlu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u b'sorpriza kbira indunaw illi meta gew sfilzati d-dokumenti rizultanti mid-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju 2017, bi zvista gew sfilzati wkoll il-kopja tal-kirja ta' lokazzjoni (Dok PEB01), iz-zewg renewals ghall-istess (Dok PEB2 u PEB3), kif ukoll ir-ritratti dwar il-hsarat (Dok J1 sa J7) u l-kont tad-dawl u ilma (Dok K1)

Illi d-digriet kien intiz sabiex tigi sfilzata korrispondenza li giet skambjata bejn l-avukati li sar minghajr pregudizzju.

Illi dawn id-dokumenti m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-korrispondenza u konsegwentement l-isfilz ta' dawn id-dokumenti sar zbaljatament.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tordna li dawn id-dokumenti cioe l-iskrittura ta' lokazzjoni, r-*renewals,* ritratti tal-hsarat u l-kont tad-dawl u ilma jigu rimessi fil-process u jikkostitwixxu prova

2. Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Fenech ipprezentata fit-23 ta' Dicembru 2021 ghar-rikors tal-atturi Paul Edgar Busuttil et ipprezentat fil-15 t'Ottubru 2021 fejn espona:

(i) Illi permezz tar-rikors promutorju taghhom l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex jigu reintegrati fl-atti tal-kawza diversi dokumenti li kienu gew sfilzati kwazi hames snin ilu, ghaliex, skont l-istess rikorrenti, tali dokumenti gew sfilzati *"bi zvista"*

(ii) Illi l-konvenut joggezzjona ghal din it-talba tal-atturi, u dan ghal diversi ragunijiet fosthom:

a) Tali dokumenti ilhom illi gew sfilzati madwar hames snin, u certament illi kienet unikament ir-responsabilita tal-atturi li jivverifikaw illi l-atti tal-kawza jikkontjenu l-provi kollha li huma xtaqu li jipproduci f'din l-istanza, qabel ma jiddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

   Konsegwentement, bl-ebda mod ma jista' wiehed jiggustifika s-sottomissjonijiet tal-atturi fir-rikors promotorju taghhom illi l-l-istess atturi: *"b'sorpriza kbira indunaw illi kienu gew sfilzati d-dokumenti"* hames snin qabel!

b) Apparti minn hekk, m'huwiex minnu illi d-dokumenti gew sfilzati *"bi zvista"* kif jallegaw l-atturi, izda dawn gew sfilzati wara d-debitu process,

ossija f'zewg okkazjonijiet distinti u separati, u cioe wara talba verbali, risposta verbali u digriet seduta stante li inghata minn din l-Onorabbli Qorti fl-**14 ta' Marzu 2016**, li permezz tieghu gew sfilzati set wiehed ta' dokumenti, u sussegwentement, u ghaliex l-atturi regghu esebew dokumenti ohrajn li ma kienux ammissibbli skond il-ligi, wara li sar rikors fl-20 ta' Frar 2017 mill-konvenut, wara li saret risposta mill-atturi fis-27 ta' Marzu 2017 u wara li inghata digriet minn din l-Onorabbli Qorti fit-**3 ta' Mejju 2017**, li permezz tieghu gew sfilzati set iehor ta' dokumenti;

Din ma hija l-ebda *"zvista",* tant illi huwa evidenti illi fiz-zewg okkazjonijiet, kien gie segwit process ekwu u gust li permezz tieghu l-partijiet inghataw l-opportunita kollha li jaghmlu s-sottomissjonijiet kollha li riedu qabel ma din il-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha;

c) Finalment, fl-istadju tal-provi tieghu, l-konvenut, ressaq biss provi sabiex jirribatti l-provi li kienu tressqu mill-atturi – eskluzi, ghalhekk id-dokumenti illi kienu gew sfilzati, billi tali dokumenti ma jikkostitwixxu l-ebda prova skond il-ligi – u konsegwentement, l-istess konvenut ser jigi serjament ippregudikat jekk, f'dan l-istadju tant tardiv, u wara li z-zewg partijiet ghalqu l-provi taghhom, **u wara li sahansitra, l-kawza odjerna diga hija differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Frar 2022**, jigu reintegrati fil-process dokumenti li kienu gew sfilzati kwazi hames snin ilu, u li l-konvenut, konsegwentement, qatt ma kellu l-opportunita li jirribatti fl-istadju tal-provi tieghu;

(iii) Illi ghalhekk il-konvenut huwa tal-umli fehma li din il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tichad it-talba tal-atturi kif dedotta fir-rikors promutorju taghhom tal-15 t'Ottubru 2021

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. Mill-atti processwali jirrizulta illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2016, l-attur ipprezenta *seduta stante* l-affidavit tieghu li mieghu annetta diversi dokumenti. Fl-istess seduta il-

Qorti laqghet it-talba tal-konvenut ghall-isfliz ta' erba' (4) mid-dokumenti ezebiti, u irriteniet hekk:

*"Peress li d-dokumenti involuti in kwistjoni jitrattaw trattattivi ghal transazzjoni li l-partijiet ippruvaw jilhqu sabiex jevitaw proceduri quddiem din il-Qorti, u saru minghajr pregudizzju u ma jorbtux lill-partijiet, u huma rrilevanti ghal fini tad-determinazzjoni tat-talba attrici, il-Qorti qed tilqa' t-talba u tordna l-isfilz tad-dokumenti PB11, PB12, u PB13 flimkien mal-korrispondenza esebita bhala Dok PB5. In oltre l-Qorti tobbliga ruhha li tiskarta dawk il-partijiet tal-affidavit tal-attur li jirreferu ghal dawn id-dokumenti."*[1]

4. Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, l-attur xehed quddiem din il-Qorti *viva voce* u esebixxa diversi dokumenti.[2]

3. B'digriet tat-3 ta' Mejju 2017,[3] din il-Qorti irriteniet li meta l-attur tela' jixhed *viva voce* fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, huwa *"ezebixxa numru ta' dokumenti, li uhud minnhom din il-Qorti kienet ordnat l-isfilz taghhom fis-seduta precedenti u ohrajn li jinsabu diga annessi mal-affidavit tal-attur. B'mod generali, l-attur irrepeta fix-xhieda tieghu viva voce dak li hu kien diga qal fl-affidavit tieghu u ipprezenta bazikament l-istess dokumenti."*

5. Ghar-ragunijiet premessi fl-istess d-digriet tat-3 ta' Mejju 2017, din il-Qorti iddecidiet hekk:
*"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-konvenut rikorrent fis-sens li qed tordna l-isfilz tax-xhieda kollha li ta l-attur fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, flimkien mad-dokumenti kollha minnu ezebiti f'dik is-seduta (fol. 37 sa 76 tal-process) u qieghda taghti lill-attur il-fakolta sabiex sal-5 ta' Gunju 2017 jipprezenta affidavit addizzjonali (li ma jkunx jirrepeti dak li qal fl-ewwel affidavit tieghu) u dokumenti godda, u dan dejjem fid-dawl tad-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 2016. Dan l-affidavit ghandu jigi ipprezentat bil-visto jew notifika ta' Dottor Alexander Schembri."*

[1] Ara *fol.* 10 tal-process.
[2] Ara verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2016 *a fol.* 36 tal-process.
[3] Ara *fol.* 88 - 91 tal-process.

6. Effettivament l-attur ipprevalixxa ruhu minn din il-fakolta moghtija lilu fid-digriet tat-3 ta' Mejju 2017, u b'nota ta' l-4 ta' Lulju 2017,[4] l-attur rega' esebixxa *inter alia* affidavit iehor tieghu stess, li mieghu hemm annessi diversi dokumenti.[5]

7. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017,[6] l-atturi iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi, u l-kawza ghaddiet ghall-istadju tal-provi tal-konvenut, li eventwalment gew maghluqa, u fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021,[7] il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza ghal-lum, bil-fakolta li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

8. Ghalhekk, f'dawn il-proceduri il-Qorti tat zewg digrieti separati fejn ordnat sfilz ta' dokumenti differenti ghal ragunijiet differenti. Bid-digriet tal-14 ta' Marzu 2016, gew sfilzati erba' dokumenti annessi mal-affidavit tal-attur, stante li kienu jirrigwardaw korrispondenza li giet skambjata bejn l-avukati li saret minghajr pregudizzju. Bid-digriet tat-3 ta' Mejju 2016 giet sfilzata ix-xhieda kollha li kien ta l-attur fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, flimkien mad-dokumenti kollha minnu esebiti f'dik is-seduta, stante li in succint parti sostanzjali mix-xhieda tal-attur kienet fuq id-dokumenti minnu esebiti *seduta stante*, liema dokumenti kienu *in parte* uhud mid-dokumenti li din il-Qorti ordnat l-isfilz taghhom fis-seduta precedenti tal-14 ta' Marzu 2016, uhud kienu jinsabu diga annessi mal-affidavit tieghu, u uhud li kienu ukoll jikkoncernaw korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet li giet skambjata fi stadju meta l-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jilhqu transazzjoni barra l-Qorti.

9. L-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fir-rikors odjern fuq il-premessa li *"meta gew sfilzati d-dokumenti rizultanti mid-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju 2017, bi zvista gew sfilzati wkoll il-kopja tal-kirja ta' lokazzjoni (Dok PEB01), iz-zewg renewals ghall-istess (Dok PEB2 u PEB3), kif ukoll ir-ritratti dwar il-hsarat (Dok J1 sa J7) u l-kont tad-dawl u ilma (Dok K1)"*

10. Kif jirrizulta car fid-*decide* ta' dan id-digriet tat-3 ta' Mejju 2017, din il-Qorti ordnat l-isfilz *"tax-xhieda kollha li ta' l-attur fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, flimkien mad-*

[4] Xahar aktar tard miz-zmien moghti lilu fid-digriet.
[5] Ara *fol.* 94 tal-process.
[6] Ara *fol.* 102 tal-process.
[7] Ara *fol.* 190 tal-process.

*dokumenti kollha minnu ezebiti f'dik is-seduta".* Id-dokumenti li jaghmel riferenza ghalihom l-attur f'dan ir-rikors kienu kollha esebiti minnu fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016, u konsegwentement l-isfilz taghhom ma sarx bi svista, u lanqas zbaljatament.

11. Pero fl-istess digriet tat-3 ta' Mejju 2017, din il-Qorti kienet ukoll tat lill-attur *"il-fakolta sabiex sal-5 ta' Gunju 2017 jipprezenta affidavit addizzjonali (li ma jkunx jirrepeti dak li qal fl-ewwel affidavit tieghu) u dokumenti godda, u dan dejjem fid-dawl tad-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 2016."*

12. Kif diga inghad, l-attur ipprevalixxa ruhu minn din il-fakolta u b'nota tal-4 ta' Lulju 2017, ipprezenta affidavit iehor tieghu, li maghhom annetta xi dokumenti.

13. Jekk l-atturi kienu tal-opinjoni li d-dokumenti minnhom imsemmija f'dan ir-rikors, u li gew sfilzati bid-digriet tat-3 ta' Mejju 2017, kienu ammissibbli, fid-dawl tad-digriet tal-14 ta' Marzu 2016, huma kellhom l-opportunita li jerga' jipprezentawhom flimkien mal-affidavit addizzjonali tal-attur u dokumenti godda li hu gie awtorizzat li jipprezenta bl-istess digriet tat-3 ta' Mejju 2017, liema affidavit addizzjonali gie effettivament ipprezentat, ossia jigu presentati mal-affidavit tal-attrici, jew b'xi mod iehor ammissibbli skond il-ligi, pero fi kwalunkwe kaz fl-istadju tal-provi taghhom.

14. Jekk l-atturi naqsu li jipprezentaw dawn id-dokumenti fl-istadju tal-provi taghhom, huwa certament irritwali li l-atturi jigu awtorizzati li jipprezentaw dawn id-dokumenti issa, f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-atturi fir-rikors taghhom tal-15 ta' Ottubru 2021.

L-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jigu subiti mill-atturi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**